

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Applikant għat-trade mark kontenzjuża:* ir-rikorrenti

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* it-trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea Nru 5 481 403

*Proċedimenti quddiem l-EUIPO:* proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità

*Deċiżjoni kkontestata:* id-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tas-16 ta' Marzu 2018 fil-Każ R 2241/2016-2

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata sa fejn it-trade mark kkontestata tal-Unjoni Ewropea ddekadiet fir-rigward ta' dawn il-prodotti u servizzi:

Klassi 9: CDs, DVDs, programmi tal-informatika u softwer, b'mod partikolari softwer ta' skambju, ta' ħażna, ta' riproduzzjoni u ta' ġabra sistematika tad-data.

Klassi 16: prodotti ta' stampar inklużi fil-klassi 16, bl-eċċezzjoni ta' prodotti ta' stampar stampati b'ritratti individwali (b'mod partikolari kotba fotografiċi, kalendarji fotografiċi, tili fotografiċi, puzzles fotografiċi, djarji fotografiċi, fajls fotografiċi);

Klassi 38: provvista ta' aċċess għal database għat-tniżżil ta' informazzjoni permezz ta' mezzi elettroniċi (internet); trażmissjoni ta' messaġġi u ta' immaġni bil-kompjuter.

Klassi 40: Legatura tal-kotba

- tikkunanda lill-EUIPO għall-ispejjeż.

**Motivi invokati**

- Ksur tal-Artikolu 58(1)(a) u (2), flimkien mal-Artikolu 18(1) tar-Regolament (UE) Nru 207/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.
- Ksur tal-Artikolu 19(1) flimkien mal-Artikolu 10 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 2017/1430.

---

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tas-16 ta' Mejju 2018 – C & J Clark International vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-230/16) <sup>(1)</sup>**

(2018/C 240/72)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Il-President tat-Tielet Awla ordna t-tħassir tal-kawża.

<sup>(1)</sup> ĠU C 260, 18.7.2016.

---